IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2025
COM(2025) 273 final

2025/0140 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10686/21 INIT; ST 10686/21 ADD 1) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

{SWD(2025) 139 final}

2025/0140 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10686/21 INIT; ST 10686/21 ADD 1) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) ta' Ċipru fis-17 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jagħtih valutazzjoni pożittiva. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021[2]. Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fit-8 ta' Diċembru 2023, fis-16 ta' Lulju 2024 u fil-21 ta' Jannar 2025[3].

(2) Fis-26 ta' Marzu 2025, Ċipru għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkustanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Ċipru ppreżenta l-RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

(3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 87 miżura.

(4) Ċipru spjega li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu peress li l-inflazzjoni żiedet l-istima tal-kostijiet tal-miżura. Dan jirrigwarda rispettivament l-Investiment 1: Faċilitajiet ġodda għall-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru u l-akkwist tat-tagħmir assoċjat bl-aħħar teknoloġija taħt il-komponent 1.1, Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa, u l-Investiment 11, It-titjib u l-estensjoni tan-

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
[2] ST 10686/21; ST 10686/21ADD 1.
[3] 15571/23 + ADD 1 + ADD 1 COR 1; 11806/24 + ADD 1; 17052/24+ ADD 1

Network tal-Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u ta' Spażji ta' Riċiklaġġ taħt il-komponent 3.1, Mudell ġdid ta' tkabbir u ta' diversifikazzjoni tal-ekonomija. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jemenda l-miżuri msemmija hawn fuq filwaqt li żamm l-ambizzjoni tagħhom. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

(5) Ċipru spjega li 14-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-miżuri li ġejjin: l-Investiment 2, Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, inkluż f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli taħt il-komponent 2.1, In-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli; l-Investiment 2, Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà u l-Investiment 3, Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs, Electric Vehicles) taħt il-komponent 2.2, Trasport sostenibbli; l-Investiment 6, Skema għall-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli u r-Riforma 4, It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-Industrija taħt il-komponent 3.1, Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija; l-Investiment 1, It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju Ċentrali għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO, Knowledge Transfer Office) taħt il-komponent 3.2, It-tisħiħ tar-Riċerka u l-Innovazzjoni; l-Investiment 6, Ir-riġenerazzjoni u r-rivitalizzazzjoni tal-Qalba tal-Belt ta' Nikosija, l-Investiment 9, Skema ta' Għajnuna għas-settur privat u pubbliku għaċ-ċertifikazzjoni b'ISO 37001 (il-Ġlieda kontra t-Tixħim) taħt il-komponent 3.4, L-immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali biex il-ġustizzja ssir aktar effiċjenti u tiġi miġġielda l-korruzzjoni; ir-Riforma 3, Estensjoni gradwali tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja bla ħlas mill-età ta' 4 snin taħt il-komponent 5.1, L-immodernizzar tas-sistema edukattiva, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; l-Investiment 1, It-titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażagħ; l-Investiment 2, L-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali u ċentri għall-indukrar tat-tfal u l-Investiment 3, L-istabbiliment ta' strutturi domestiċi għat-tfal, l-adolexxenti bi problemi fl-imgiba u għall-persuni b'diżabilità u l-persuni li jeħtieġu kura fit-tul (LTC, long term care) taħt il-komponent 5.2, Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-Investiment 2, Miżura fuq skala akbar: L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' u l-Investiment 4, Miżura fuq skala akbar: Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs), taħt il-komponent 6.1, REPowerEU. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jiġu emendati ċerti rekwiżiti tal-miżuri msemmija hawn fuq u li jitneħħa kollu kemm hu l-Investiment 4, Miżura fuq skala akbar: Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs), taħt il-Komponent 6.1, REPowerEU. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

(6) Ċipru spjega li ġew emendati 14-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: l-Investiment 5, It-tisħiħ, l-immodernizzar u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru u l-Investiment 6, L-użu ta' servizzi transfruntieri ġeneriċi tal-e-Saħħa f'Ċipru taħt il-komponent 1.1, Sistema tas-saħħa reżiljenti u effettiva, protezzjoni ċivili msaħħa; l-Investiment 2, Impjanti tat-Trattament tal-Ilma: titjib fil-kwalità tal-ilma; l-Investiment 5, Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma u l-Investiment 6, Titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca taħt il-komponent 2.3, Il-ġestjoni intelliġenti u sostenibbli tal-ilma; l-Investiment 8, It-titjib tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti u l-

Investiment 10, It-tisħiħ tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti taħt il-komponent 3.1, Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija; ir-Riforma 9, It-trasformazzjoni diġitali tal-qrati u l-Investiment 2, Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet taħt il-komponent 3.4, L-immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, biex il-ġustizzja ssir aktar effiċjenti u tiġi miġġielda l-korruzzjoni; ir-Riforma 1, It-tlestija tal-qafas legali għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u r-Riforma 9, It-titjib tal-ġbir tat-taxxa u l-effettività tad-Dipartiment tat-Taxxa taħt il-komponent 3.5, Is-salvagwardja tal-istabbiltà fiskali u finanzjarja; ir-Riforma 2, Sistema ġdida ta' evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel taħt il-komponent 5.1, L-immodernizzar tas-sistema edukattiva, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; ir-Riforma 2, Arranġamenti tax-Xogħol Flessibbli fil-forma ta' Telexogħol taħt il-komponent 5.2, Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-Investiment 1, Miżura fuq skala akbar: Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli taħt il-komponent 6.1 REPowerEU. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jemenda ċerti rekwiżiti tal-miżuri msemmija hawn fuq jew li jestendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-miżuri msemmija hawn fuq u li jneħħi l-intervent relatat ma' skema ta' għotjiet għall-SMEs fl-industrija tal-akkomodazzjoni mill-Investiment 8, It-titjib tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti taħt il-komponent 3.1, Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija filwaqt li fl-istess ħin jintroduċi sottomiżura ġdida relatata mar-Rinnovazzjoni taċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Filoxenia f'Nikosija. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

(7) Ċipru spjega li ġew emendati 57 miżura biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jintlaħqu l-objettivi tal-miżuri rispettivi. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-miżuri li ġejjin: ir-Riforma 1, Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità, l-Investiment 2, Sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communications technology) Innovattiva tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru, l-Investiment 4, Akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati, u l-Investiment 7, Sistema ta' twissija pubblika għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS taħt il-komponent 1.1, Sistema tas-saħħa reżiljenti u effettiva, protezzjoni ċivili msaħħa; ir-Riforma 1, Tassazzjoni Ekoloġika, l-Investiment 1, Il-promozzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, l-Investiment 3, L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih l-Investiment 5, Titjib tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini pubbliku taħt il-komponent 2.1, Newtralità klimatika, effiċjenza enerġetika u enerġija rinnovabbli; ir-Riforma 1, L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti li tuża t-teknoloġiji tewmin diġitali, ir-Riforma 3, It-tneħħija gradwali tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa u l-Investiment 1, Implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP, Sustainable Urban Mobility Projects) u miżuri li jsaħħu l-aċċessibbiltà taħt il-komponent 2.2, Trasport sostenibbli; ir-Riforma 1, Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma, l-Investiment 1 Sostituzzjoni tat-Trasportatur Choirokitia-Famagusta, l-Investiment 3 Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma u l-Investiment 4, Il-Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Dranaġġ taħt il-komponent 2.3, Il-ġestjoni intelliġenti u sostenibbli tal-ilma; ir-Riforma 3, It-titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-

nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru, l-Investiment 2 It-tisħiħ tal-bażi tad-data isotopika ta' prodotti Ċiprijotti tradizzjonali, l-Investiment 7, Skema għat-titjib tal-kompetittività tagħhom u/jew it-titjib tal-enerġija ta' intrapriżi kbar f'Ċipru u l-Investiment 12, Il-ġestjoni tal-iskart favur ekonomija ċirkolari taħt il-komponent 3.1, Mudell ġdid ta' tkabbir u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija; ir-Riforma 1, Politika u għodod ta' politika Nazzjonali tar-R&I, ir-Riforma 3, Politiki biex jitrawwem l-aċċess għal infrastruttura u laboratorji tar-riċerka ffinanzjati pubblikament, l-Investiment 2, Programmi ta' finanzjament tal-Innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs, l-Investiment 3, Programm ta' finanzjament għar-R&I dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-Investiment 4, Finanzjament lil organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet tar-R&Ż fuq teknoloġiji doppji taħt il-komponent 3.2, It-Tisħiħ tar-Riċerka u l-Innovazzjoni; ir-Riforma 2, It-Titjib tal-Mekkaniżmu għall-Attivazzjoni tal-Attivitajiet tan-Negozju Rapidi, ir-Riforma 3 L-Immodernizzar tal-Liġi dwar il-Kumpaniji u l-Investiment 1, Sistema ta' Informazzjoni Integrata għad-Dipartiment tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u l-Proprjetà Intellettwali taħt il-komponent 3.3, Appoġġ għan-negozji għall-kompetittività; ir-Riforma 1, It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika għat-tfassil u l-implimentazzjoni aħjar tal-politika, ir-Riforma 4, It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-trasparenza permezz tal-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u aktar diġitalizzazzjoni tal-proċess tiegħu, ir-Riforma 5, It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Uffiċċju tal-Liġi, ir-Riforma 6, Qafas legali ġdid għall-Awtoritajiet Lokali u miżuri ta' appoġġ rilevanti, ir-Riforma 8, Effiċjenza tal-Ġustizzja u l-Investiment 3, Ċentru tal-Immudellar tal-Politika Ekonomika taħt il-komponent 3.4, L-immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, ġustizzja aktar effiċjenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; ir-Riforma 3, Strateġija biex jiġu indirizzati l-inadegwatezzi tas-sistema ta' tranżazzjoni tal-proprjetà (l-atti ta' titoli ta' proprjetà), ir-Riforma 5, Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' reġistru ta' monitoraġġ tar-responsabbiltà, ir-Riforma 6, Ir-rinfurzar u t-tisħiħ tal-qafas ta' insolvenza, ir-Riforma 7, Strateġija għall-Ġlieda kontra l-Illitteriżmu Finanzjarju, ir-Riforma 8, It-tisħiħ tas-superviżjoni tal-Fondi tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet, l-Investiment 1, It-Tisħiħ tal-Funzjoni Superviżorja tal-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju ta' Ċipru u l-Investiment 2, L-Immodernizzar tas-Sistema ta' Ħlas Doganali u Elettroniku taħt il-komponent 3.5, Salvagwardja tal-istabbiltà fiskali u finanzjarja; ir-Riforma 1, It-Tisħiħ tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (OCECPR), ir-Riforma 2, It-Tisħiħ tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' Kompetenza fil-Broadband (id-DEC tad-DMRIDP) u l-Investiment 1, L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb taħt il-komponent 4.1, L-aġġornament tal-infrastruttura għall-konnettività; ir-Riforma 1, Fabbrika tas-Servizzi Diġitali, ir-Riforma 2, Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern, ir-Riforma 3, Id-diġitalizzazzjoni tal-Proċeduri tal-Pulizija dwar Digipol u r-Riforma 4, L-istabbiliment tar-reġistru tas-sjieda benefiċjarja taħt il-komponent 4.2, Il-promozzjoni tal-gvern elettroniku; ir-Riforma 1, L-indirizzar tal-isparigġ fil-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (l-Edukazzjoni Sekondarja u Għolja), ir-Riforma 4, It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskejjel bl-għan li jissaħħu l-ħiliet diġitali u dawk il-ħiliet relatati mal-edukazzjoni STEM u r-Riforma 5, Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi – L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi taħt il-komponent 5.1, L-immodernizzar tas-sistema edukattiva, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; ir-Riforma 1, Riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali u l-Investiment 4, Ċentri tat-Tfal fil-Muniċipalitajiet taħt il-komponent 5.2, Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni; ir-Riforma 1, Regolamentazzjoni u faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Klijenti Attivi, Awtokonsumaturi ta' Sorsi

Rinnovabbli, Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini, Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli u Rispons għad-Domanda permezz ta' Rappreżentanza Kumulattiva fis-suq tal-elettriku, l-Investiment 3, Il-promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk ta' akkomodazzjoni, l-Investiment 5, Miżura fuq skala akbar: Skema għat-titjib tal-kompetittività u tal-effiċjenza enerġetika ta' intrapriżi kbar f'Ċipru, l-Investiment 6, Miżura fuq skala akbar: Programm tematiku ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-Investiment 7, Riċerka tematika fl-intrapriżi għall-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u s-soluzzjonijiet ta' distribuzzjoni tal-enerġija taħt il-komponent 6.1, REPowerEU. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jemenda l-miżuri msemmija hawn fuq billi jiċċara jew ineħħi ċerti rekwiżiti tal-istadji importanti, tal-miri jew tad-deskrizzjonijiet tagħhom li huma dettaljati mingħajr bżonn jew li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat, mingħajr ma jnaqqas l-ambizzjoni ta' dawn il-miżuri. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

(8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Ċipru jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(9) It-tqassim tal-istadji importanti u tal-miri relatati mal-pagamenti parzjali jenħtieġ li jiġi modifikat biex iqis l-emendi fil-pjan u fl-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Ċipru.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

Kontribut għall-objettivi ta' REPowerEU

(10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

(11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u l-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

(12) Tinżamm l-ambizzjoni ġenerali tal-kapitolu REPowerEU. Filwaqt li xi miżuri tnaqqsu minħabba nuqqas fid-domanda, xi miżuri oħra li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni żdiedu, kif ukoll żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika u żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

(13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 45,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 94 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

(14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li jikkonformaw mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

(15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 23,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

(16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida.

Kost

(17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

(18) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżura eżistenti li l-modifiki tagħha kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-bieċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati l-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonati għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

(19) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi li ppreżenta Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 (ST 10686/21, ST 15571/23) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP ta' Ċipru rigward ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k) .

Valutazzjoni pożittiva

(20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa

għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-objettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(21) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Ċipru huma ta' EUR 1 220 971 974. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat ta' Ċipru jenħtieġ li tkun EUR 1 020 223 681.

Għoti ta' self

(22) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal Ċipru li jammonta għal EUR 200 320 000 jibqa' l-istess.

(23) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10686/21 tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Ċipru fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, u l-objettivi intermedji u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-objettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti l-aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President